

Brussell, 30 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5555/26

CDR 10

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju tal-Iżvezja, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra tal-10 ta' Ottubru 2025¹, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sa Elisabet LANN, membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, ġiet proposta għall-ħatra u maħtura.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

¹ 15206/25.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sa Elisabet LANN, il-Gvern Żvediż ippropona² lis-Sa Nike ÖRBRINK, rappreżentanta ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Ledamot i kommunfullmäktige, Stockholms kommun* (Membru tal-kunsill muniċipali, il-muniċipalità ta' Stokkolma), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 5558/26 u jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

² 16536/25.